

22004D0699

25.11.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 349/51

ID-DEĊIŻJONI NRU 1/2004 TAL-KUMITAT KONĠUNT KE-ANDORRA

tad-29 ta' April 2004

li għandha x'taqsam ma' l-estensjoni tan-netwerk ta' komunikazzjoni komuni ("common communication network")/interattività bejn sistemi komuni ("common systems interface") (CCN/CSI)

(2004/699/KE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra l-Ftehim f'forma ta' Bdil ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipat t'Andorra ffirmat fil-Lussemburgu fit-28 ta' Ġunju 1990 ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikoli 7 u 17(8) sussegwenti,

Artikolu 1

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1/2003 tal-Kumitat Konġunt KE-Andorra tat-3 ta' Settembru 2003 dwar il-liġijiet, ir-regolamenti u l-provvedimenti amministrattivi neċessarji għal tħaddim tajjeb t'għaqda doganali (2003/692/KE) ⁽²⁾,

Il-Komunità tawtorizza l-estensjoni għal Andorra tan-netwerk ta' komunikazzjoni komuni ("common communication network")/interattività bejn sistemi komuni ("common systems interface") (CCN/CSI) żviluppata mill-Komunità.

Billi:

Artikolu 2

- (1) Ir-regoli tal-Komunità applikati minn Andorra jaħsbu għall-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika u netwerks tal-kompjuter għall-iskopijiet ta' applikazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet, u partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu mal-mogħdija mill-Komunità.
- (2) L-użu ta' dawn it-teknoloġiji, partikolarment is-sistema ġdida ta' mogħdija kompjuterizzata (NCTS), għandha bżonn l-użu tas-CCN/CSI żviluppata mill-Komunità.
- (3) Il-Komunità għandha tawtorizza l-estensjoni tas-CCN/CSI għal Andorra biex tippermetti l-implimentazzjoni tal-provvedimenti tal-Ftehim li jistabbilixxi għaqda doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u Andorra.
- (4) Ir-regoli u l-proċeduri prattiċi għal din l-estensjoni u l-impenji tal-Komunità u Andorra f'din il-Konnessjoni għandhom jitniżżlu wkoll,

1. Il-Partijiet se jimxu ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi miktuba fid-dokumenti elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni li kienet disponibbli għal Andorra, flimkien ma' kwalunkwe emendi futuri li jistgħu jsiru b'konnessjoni mal-proġett.

2. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ("Il-Kummissjoni") ser timmaniġja u tiżviluppa sistema għal Andorra skond il-linji ta' gwida mfassla mill-Kumitat tal-Politika Doganali — Il-Kumitat ta' Ħidma dwar l-Ipproċessar tad-Data — CCN/CSI Sotto-grupp Tekniku (CPC-CWP-CCN/CSI).

3. Il-Partijiet se jimxu mar-regoli dwar il-politika ta' sigurtà ġenerali miktuba u deċiżi fil-qafas tal-proġett.

4. Bl-istess mod, Andorra ħa' żżomm informati l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea dwar ix-xejriet ġenerali u l-aspetti ta' l-iżvilupp tas-CCN/CSI li aktarx ikollhom impatt fuq l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 374, tat-31.12.1990, p. 14.

⁽²⁾ ĠU L 253, tas-7.10.2003, p. 3.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni se tinforma lil Andorra dwar il-fornituri tas-servizz lil min suppost japplikaw biex jakkwistaw is-servizzi neċessarji għall-installazzjoni tas-sistema CCN/CSI u l-appoġġ tekniku.
2. L-Andorra se tieħu l-miżuri mehitega biex timxi ma' l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni f'każ ta' bidla tal-fornituri tas-servizz fil-proġett.
3. Wara li tispiċċa l-installazzjoni tan-netwerk u l-konklużjoni tal-kuntratti li jagħtu lil Andorra s-servizzi relatati mas-CCN/CSI, l-ispejjeż ta' l-użu ta' dak in-netwerk jitħallsu minn Andorra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2004.

Magħmula fi Brussell tad-29 ta' April 2004,

Għall-Kumitat Konġunt KE-Andorra

Il-President

Matthias BRINKMANN
